# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta**
**Tnax (12) ta' Diċembru 2023**

**Rikors Numru 499/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Mahato Gir Bahadur**
**(K.I.168937A)**

**vs.**

**Melvin Cilia**
**(K.I.251189M)**

**M&D Hospitality Services Limited**
**(C-96962)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent, bil-ġurament tiegħu, talab is-segwenti:

    1. *Premess illi, ir-rikorrent daħal fi ftehim mal-intimati madwar il-bidu ta' Diċembru, 2022 sabiex isir xogħol ta' applikazzjonijiet ta' persuni minn pajjiżi terzi mill-intimati sabiex dawn eventwalment jiġu ingaġġati mas-soċjeta' konvenuta u jitħaddmu ġewwa l-istabillimenti tal-Mc Donalds u dana peress li l-konvenut ħoloq mise-en-scene fejn minħabba l-istorja tal-impjieg tiegħu ma' Mc Donalds, bellagħha lir-rikorrent li seta' jqiegħdlu madwar mija u tmenin (180) minn dawn il-persuni u dan kif evidenzjat mill-kuntratt iffirmat li hemm żewġ kopji tiegħu, kopji hawn annessi u mmarkati bħala **DOK 'GRM1'** u **'GRM2'**;*

2. *Premess ukoll, illi is-soċjeta intimata topera ir-restaurant u bistro* ***Tal-Pjazza****, li tinsab ġewwa Pjazza Walkway, San Pawl il-Baħar, Buġibba fejn kien impjegat miegħu ċertu* ***Naresh Chaudhary****, ċittadin Nepaliż, detentur tal-passaport Nepali bin-numru* ***6406967****, ħabib tar-rikorrent tant li għamlu xi żmien jgħixu flimkien;*
3. *Illi, l-imsemmi impjegat kien telaq minn Malta f'Settembru, 2022 peress li emigra lejn il-Kanada. Lill-dan l-impjegat il-konvenuti ma ħallsuhx il-paga dovuta lilu li kienet tammonta għas-somma ta'* ***elfejn tlett mija u għoxrin Ewro (€2,320)****, liema somma tħallset mir-rikorrent bi ftehim mal-konvenuti li dan l-ammont jiġi paċut ma parti mix-xogħol li kellu jsir, għal valur ekwivalenti;*
4. *Illi, ir-rikorrent għalhekk spiċċa ħallas lill-konvenuti is-somma ta'* ***disa w tletin elf Ewro (€39,000)*** *fuq medda ta 'diversi ġimgħat, liema ħlasijiet ħadu l-forma ta' ħlas fi flus kontanti (vide* ***DOK 'GRM3'****), ħlas permezz ta' trasferimenti inter-bankarji (vide* ***DOK 'GRM4'****) u t-tpaċija surriferita, liema ħlasijiet huma illustrati aħjar fit-tabella hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK 'GRM5'****;*
5. *Illi, jiġi rrilevat li sabiex saru l-ħlasijiet mitluba mill-konvenuti, ir-rikorrent kellu jdur fuq kull wieħed mill-ħaddiema prospettiv, kif elenkati fil-lista imsemmija u annessa, sabiex bħala l-mandatarju tagħhom, jitlobhom jittrasferulu l-flus u, minn naħa tagħhom, sabiex għamlu hekk kellhom, kull wieħed u waħda minnhom,* ***<u>jiddejnu mal-villaġġ rispettiv tagħhom</u>****;*
6. *Illi, kif beda għaddej iż-żmien pero u r-rikorrent ma' bedhiex jara riżultati u ma pprovdewlu ebda prova li tali applikazzjonijiet kienu saru beda jinkwieta li x'aktarx kien ingidem. Il-konvenuti ma komplewx jikkomunikaw miegħu u għalhekk beda jipprova jikkomunika mal-konvenut Melvin Cilia permezz tal-Whatsapp, li minn naħa tiegħu beda jevitah u jsiblu kull skuża taħt ix-xemx biex jeħles minnu u jgħaddi ż-żmien bih, dan kif muri aħjar fiċ-chatlogs li qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala* ***DOK 'GRM6'*** *u dan kif ser jiġi ampjament ppruvat waqt is-smigħ u trattazzjoni tal-kawża, jekk ikun il-każ;*
7. *Illi, dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u għaldaqstant it-talba għandha tintlaqa';*
8. *Illi, r-rikorrent għalhekk ħallas lill-konvenuti, jew min minnhom, is-somma reklamata fit-tabella annessa u ukoll kif kontenuta fl-ittra uffiċjali bin-numru* ***1743/2023*** *u fil-mandat ta' sekwestru bin-numru* ***669/2023****, kopji informali ta' liema ittra u mandat ta' sekwestru qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala* ***DOK 'GRM7'*** *u* ***'GRM8'****;*
9. *Illi, r-rikorrent jaf personalment b'dawn il-fatti hawn iddikjarati, u li qegħdin jiġu minnu ikkonfermati bil-ġurament u ulterjorment, sa fejn jista' jiddikjara hu, ma tissussisti ebda eċċezzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom, jistgħu jagħmlu kontra din t-talba;*
10. *Illi, għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha meħtieġa skond il-liġi sabiex din il-kawża tinstema bid-dispensa tas-smigħ u skond proċeduri sommarji speċjali kif stabbiliti fil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin numru* ***1743/2023*** *u dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru* ***669/2023****, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna kif ukoll kunsidrati dawk il-provi kollha ippreżentati fl-atti ta' din il-kawża u dawk prodotti waqt l-istadju opportun tas-smigħ tagħha, jogħoġbhom issa l-konvenuti jgħidu il-għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 167 et seq. tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tiddeċiedi l-kawża skond proċedura speċjali sommarja; u*
2. *Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, flimkien u solidalment bejniethom, debituri tar-rikorrent kreditur fis-somma ta' **disa' u tletin elf Ewro (€39,000)**, jew somma oħra aktar verjuri, imħallsa lill-konvenuti għal xogħol mhux imwettaq skond ftehim milħuq bejn il-partijiet f'Diċembru, 2022 u spejjeż amministrattivi mhux żborzati minnhom; u konsegwentement okkorendo bil-ħatra u nomina ta' periti nominandi;*
3. *Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrent kreditur is-somma ta' **disa' w tletin elf Ewro (€39,000)** jew somma oħra aktar verjuri, skond kif dikjarat skond l-Ewwel Talba bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mal-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru **1743/2023** u l-mandat ta' sekwestru bin-numru **669/2023**; u ulterjorment*
4. *Tagħti dawk il-provvedimenti, direttivi u ordinjiet oħra li hi jidrilha li huma xierqa u opportuni skond ma jitolbu ċ-ċirkostanzi;*

2. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2023 il-kawża giet appuntata għat-28 ta' Gunju 2023 fil-11.30am.

3. Rat l-affidavit tar-rikorrent Gir Bahadur Mahato ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2023 (fol 30).

4. Rat illi fil-31 ta' Mejju 2023, l-intimat Melvin Cilia ġie notifikat fl-indirizz 39, Triq l-Ewwel ta' Frar 1994, Żabbar (fol 33 tergo).

5. Rat illi fit-28 ta' Ġunju 2023, il-Qorti awtorizzat in-notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni tas-soċjeta' intimata M&D Hospitality Services Limited.

6. Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2023 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern (fol 34A).

7. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2023 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta Malta Independent (fol 40) filwaqt illi fil-15 ta' Novembru 2023 saret fil-gazzetta lokali Orizzont (fol 41).

8. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2023, meta ssejhet il-kawża, l-intimati ma dehrux, u l-Qorti ddikjarat li l-intimati kienu kontmaċi.

9. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2023 fejn iddikjara bil-ġurament illi l-ammont kien għadu dovut.

10. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2023, ir-rikorrent ddikkjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

11. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2023, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lill-intimati biex fiha jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub biex jiddefendu ruħhom kontra t-talba rikorrenti.

12. Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għal dak il-għan.

13. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża illum, l-intimati reġgħu ma dehrux u ma ressqu ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

14. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet posposta għas-sentenza.

15. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tar-rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 167 et seq. tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tiddeċiedi l-kawża skond proċedura speċjali sommarja; u

Tilqa' t-talbiet l-oħra u għalhekk:

**Tiddikjara** li l-konvenuti, flimkien u solidament bejniethom, debituri tar-rikorrent kreditur fis-somma ta' **disa' u tletin elf Ewro (€39,000)** imħallsa lill-konvenuti għal xogħol mhux imwettaq skond ftehim milħuq bejn il-partijiet f'Diċembru, 2022 u spejjeż amministrativi mhux żborzati minnhom;

**Tordna** lill-konvenuti, flimkien u solidament bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrent kreditur is-somma ta' **disa' w tletin elf Ewro (€39,000)**.

Imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru **1743/2023** u l-mandat ta' sekwestru bin-numru **669/2023, ikunu a kariku ta' l-intimati insolidum bejniethom.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**